**KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA**

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru mija u disgħa (109) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 6 ta' Novembru, 2012, fis-7:25pm, fil-bini amministrattiv tal-kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsilliera |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, Noel Galea ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu ċċirkulati permezz ta' *e-mail* mis-SE u dawn ġew approvati u ffirmati wara li sarulhom ħafna korrezzjonijiet mill-KLMl.

3. Il-laqgħa bdiet kważi siegħa tard għaliex is-Sindku talab li tkun posposta minħabba mpenji personali tiegħu, wara li propju dal-għodu bagħat *e-mail* jinfurmana b'dan kollu; jiġifieri li l-laqgħa kienet posposta.

4. Charles Farrguia kien skużat minkejja li ma bagħatx notifika għall-assenza tiegħu u lanqas informa lil ħadd mill-kunsillieri jew is-SE.

5. Dwar il-punt tal-banda f'Jum l-Imqabba, intqal illi aktar tard wara l-proposta tagħna, seħħet konsultazzjoni mal-kunsillieri permezz ta' *e-mails* mis-Sindku. Il-KLM kien infurmat permezz tas-Segretarju tas-SMMTG illi kien se jkun hemm problema għaliex is-SMMTG baqgħu jinsistu li għandhom ikunu mħallsa l-istess ammont u dan wara li taw spjegazzjoni tal-ispejjeż involuti permezz ta' e-mail. Il-Kunsill iddeċieda illi jkun ġustifikat li jitħallas l-istess ammont kif mitlub oriġinarjament, jiġifieri €931.75 (PRF451/4). Intant il-programm strumentali se jsir nhar l-24 ta' Novembru, fl-iskola primarja tal-Imqabba. L-uffiċċju reġa' bagħat l-inviti, filwaqt li dawk li se jimpustaw mill-ġdid is-SMMTG, kellhom jiġu għalihom illum wara li stampahomlna Charles Farrugia. Dawk tagħna kienu mpustati dal-għodu.

6. Dwar il-kontestazzjoni li għamlet il-kumpanija Dimbros Co Ltd fil-konfront ta' Joseph Zammit quddiem il-*Public Contracts Review Board* (PCRB), fl-offerta li kien ħareġ il-KLM dwar l-*istreet sweeping* il-KLM se jkompli bl-*awarding* tal-offerta wara li s-Sindku qara lill-kunsillieri id-deċiżjoni tal-istess PCRB filwaqt li s-SE se jivverifika ma dan il-bord jekk hux se nkunu korretti b'dak li ser nagħmlu.

7. Reġgħet għal darb'oħra ssemmiet il-ħsara fil-wiċċ tat-triq li niżel b'mod allarmanti fuq ir-riħ tal-barrieri fi Triq tas-Sejba. Nicholas Briffa qal illi qed nidhru li m'hu qed nagħmlu xejn f'għajnejn il-bosta sewwieqa li jgħaddu minn hemm u li qed jipperikolaw ħajjithom. Għaldaqstant hu ppropona laqgħa bejn il-KLM u Transport Malta biex jiġu evitati l-inċidenti. Is-Sindku wieġeb u wera e-mails li għadda mal-perit ta' Transport Malta, Graziella Galea u s-Sur Lawrence Darmanin fejn jittrattaw propju din il-kwistjoni. Is-Sindku qal ukoll li ġiet approvata l-ispiża għal dan ix-xogħol ta' rikostruzzjoni u qed nistennew risposta fil-ġranet li ġejjin.

8. Dwar ir-rapport li ta s-SE permezz ta' *e-mail* fuq il-proġett pilota tat-toroq fejn sar il-kuntrast bejn l-istimi oriġinali u l-figuri meħudin minn fuq il-kontijiet, Nicholas Briffa qal illi hemm diverġenzi kbar, filwaqt li r-rapport ma jidhirx wieħed korrett. Is-SE qal li hu ħa l-ammonti minn fuq il-kontijiet innifishom billi qagħad ifittex il-figuri inkluż l-*area* kif kien imqabbad jagħmel tul l-aħħar laqgħa. Hu qal li dan ħadlu ħafna ħin u lest li jirrevedihom għaliex partijiet sostanzjali minn dan ir-rapport jinħtieġ ikun għand id-dipartiment sal-Ġimgħa, 9 ta' Novembru, 2012 biex tkun imwieġba memo tad-dipartiment fil-ħin, mingħajr ma neħlu penali għax ma nkunux weġibniha. Intant is-Sindku qal illi d-diverġenzi straordinarji mill-istimi seħħew għaliex ma kienetx saret stima tas-servizz tal-ilma, u ma konniex daħħalna l-*manholes* sabiex jiġu mgħollija 'il fuq u lanqas kienu introdotti il-*culverts* tal-ilma tax-xita. Nicholas Briffa kien sorpriż b'dan u staqsa għaliex ma kienx possibbli li l-perit jieħu l-kejl minn qabel. Noel Galea qal li l-perit ma kienx hemm għalfejn ikejjel it-toroq għaliex it-triq kienet u baqgħet l-istess daqs u fil-verita il-kejl ittieħed meta tlestew ix-xogħlijiet. Hu qal li dak iż-żmien l-istimi u l-kejl kien sar minnu u ċertu Noel Scicluna għan-nom tal-kuntrattur Asfaltar Ltd. Dwar il-ħlasijiet is-SE qal illi m'għandna l-ebda obbliku u ma jkunx propizju li nħallsu kollox sal-aħħar ta' din il-leġislatura għaliex inkella nissalbu bhala *cash flow* ġaladarba mhux se nħallsu l-interessi fuq dawn l-ammonti u hemm il-proviżjonijiet fil-kuntratt iffirmat bejn il-KLM u l-kuntrattur biex dan jitħallas sal-aħħar ta' Diċembru, 2013. Intant, il-KLM talab lis-SE jagħti kont tat-tifdil li sar billi fil-bidu kien issuġġerit li jitpoġġew f'kont fiss €18,000 kull sitt xhur. Is-SE qal li dan ma baqgħax iseħħ għalliex l-*interim payments* imħallsa mill-KLM bdew jitħallsu mil-llum għal għada hekk kif tlesta x-xogħol. Dawn l-ammonti kienu ferm akbar mit-€18,000, filwaqt li kienu sporadiċi ħafna minħabba li l-kuntrattur ma kienx qed ilaħħaq mad-*deadlines* u x-xogħol ittardja. Per konsegwenza l-*income* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali damet ma ġiet għax din kienet qed tgħaddi hekk kif kienu ppreżentati l-kontijiet. Is-Sindku qal li aħna ħallasna u ser inħallsu skont il-kuntratt, cioe' li kull tliet xhur nibqgħu ngħaddu €18,000 hekk kif aħna marbuta. Dwar ix-xogħol fit-toroq huwa kompla li issa li tlestew, jista' jkollna stampa reali dwar in-nefqa kollha li saret.

9. Dwar il-pubblikazzjoni ta' Ms Carmen Lia, il-KLM iddeċieda li jkun parteċipi biex din titqassam b'xejn għand kull familja Mqabbija u għaldaqstant se jikkontribwixxi għal din il-pubblikazzjoni is-somma ta' €250. Dwar il-kontenut Nicholas Briffa qal li dan hu wieħed relevanti ferm għall-kultura Mqabbija għaliex se jkun hemm benefiċċju edukattiv, storiku u wkoll soċjali. Is-Sindku qal li din il-pubblikazzjoni se tispiċċa fl-ixkafef ta' kull dar imqabbija mentri dawk oħrajn li ħarġu fl-imgħoddi minn riċerkaturi qiegħdin jinxtraw.

10. Issemma' l-katakombi tal-Mentna u n-nuqqas ta' rispons minn *Heritage Malta* fejn is-SE bagħat *e-mail* lill-Ms Suzannah Depasquale biex naraw kif se nibqgħu wara l-iżbroff tad-drenaġġ fil-katakombi. Hawn intqal illi dan hu mportanti li jerġa' jitnaddaf għaliex inkella nkunu għamilna proġett ta' ċentru tal-viżitaturi mingħajr ma l-istess viżitaturi se jkunu jistgħu jaraw xejn.

11. Is-SE bagħat l-ittri ta' ringrazzjament kif kien imqabbad jagħmel mill-KLM lil dawk kollha li taw sehemhom fl-aħħar edizzjoni tal-attivita' kulturali L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien.

12. L-għażla tal-iskrivan *full time* skala XV tal-KLM ipproċediet billi l-bord iltaqa' u ingħataw il-punti. Il-punti kienu magħduda mis-SE aktar tard u l-kunsillieri għandhom kopja tagħhom. Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Novembru, l-għażla waqgħet fuq tnejn mill-kandidati intervistati. Madankollu hu qal illi Rosemarie Calleja żammitna milli nagħtuha l-*job* għaliex fl-intervista ħareġ illi dan il-*job* kien se jkun ta' *'stepping stone'* biex titlaq xi mkien ieħor aktar 'il quddiem għaliex din hija *overqualified.* Hu qal li mhux *fair* illi din se tuża lilna biex timxi 'il quddiem. Ma qablux miegħu xi kunsillieri għaliex diġa' kien deċiż kollox fl-intervisti mill-board tal-għażla li kien kompost mis-Sindku, mid-Deputat Sindku, il-kunsillier Nicholas Briffa u s-SE. Nicholas Briffa qal li l-KLM m'għandux ikun biss rubber stamp tad-deċiżjoni tal-Board tal-għażla iżda għandu wkoll jagħti l-veduti tiegħu u xorta l-aħħar deċiżjoni għandha tkun tal-KLM. Is-Sindku qal li kien deċiż kollox dak in-nhar tal-intervisti filwaqt li talab lil Nicholas Briffa biex ma jbiddilx id-deċiżjoni li l-board unanimament qabel wara l-intervista, filwaqt li Grace Marie Mallia talbet li ma jinbidlux il-punti li ingħataw fl-intervista fejn dawn qed juru li kienet magħżula Rosemarie Calleja li għandha B Comm flok Kylie Anthea Fenech. Dwar il-fatt li l-impjegata tista' taqbad u titlaq, Grace Marie Mallia qalet illi l-każ ta' Mersia Mackay kien agħar għax qabdet u telqet mingħajr ma ħadmet jew ħallset in-notice li għal din id-deċiżjoni kien hemm il-qbil tal-Kunsill kollu. Is-SE kien awtorizzat jikteb f'dawn il-minuti hekk: 'Il-Bord tal-Aġġudikazzjoni wara li għarbel is-sitwazzjoni, iddeċieda illi minkejja li Calleja kellha l-akbar ammont ta' punti, mill-intervista li saritilha qaltilna hija stess illi se tuża l-kunsill bħala *stepping stone* biex titla' fil-karriera tagħha u għaldaqstant kienet approvata Kylie Anthea Fenech li waqt l-intervista Kylie dehret konvinċenti ħafna u tixtieq tagħmel futur f'dan il-job li qed noffru.

13. Dwar it-twaqqigħ ta' ħajt fi Triq is-Siġġiewi, propost mis-Sindku fis-seduta preċedenti, hu qal li ma kellux cans jiltaqa' mas-sid li hu s-Sur Facciol biex jinfurmah bil-proposta.

14. Dwar il-*bus shelter* fi Triq tas-Sejba intqal illi dan jinħtieġ li jitwaħħal għaliex il-*commuters* m'għandhomx fejn jistkennu jekk ma jinżlux il-Pjazza tal-Knisja, u minn hemm fuq, hemm mixja twila meta speċjalment jkun maltemp. Is-Sindku qal li huwa infurmat li sal-aħħar ta' Novembru, għandu jeħel stage fil-bidu ta' Triq tas-Sejba u aktar 'il quddiem għandu jeħel ieħor viċin il-każin tal-Futbol propju fejn hemm bus stop direzzjoni tal-pjazza.

15. Kienet diskussa il-petizzjoni li għamlu diversi residenti minn Triq San Mikiel. F'din il-petizzjoni huma qed jistaqsu għaliex il-KLM ma kienx għamel gandott taħt il-wiċċ tat-triq bħalma għamel f'postijiet oħra fir-raħal biex jelimina l-problema tal-ilma tax-xita li jinżel mill-Matla. Is-Sindku qal li aħna xtaqna lkoll li nagħmluh. Hu sostna li meta nfetħet it-triq biex jinbidlu is-servizzi tal-ilma tad-djar (*house connections*) instab li minħabba l-medda goffa tad-drenaġġ inkluż is-sifuni tad-djar tan-nies, li hija waħda antika ħafna, ma kienx hemm fejn joqgħod l-istess gandott għall-ilma tax-xita. Dan għaliex it-triq hija wiesgħa ftit aktar minn metru. Dwar dan Nicholas Briffa staqsa dwar ir-ritratti li juru dan kollu. Barra minn hekk Noel Galea u Paul Spiteri qalu illi xi residenti sentejn ilu meta saret it-triq kienu oġġezzjonaw għal dan il-*culvert* għaliex dan irabbi n-naqal u għaldaqstant minnu jfeġġu l-ġrieden. Dwar l-inkonvenjent tal-ilma tax-xita, is-Sindku qal illi jrid isir pjan ħolistiku biex jinqabad l-ilma aktar 'il fuq, jiġifieri sa minn Triq il-Parroċċa (li qal li wkoll tegħreq fix-xita u hija ftit wiesgħa aktar minn Triq San Mikiel) ħalli l-ilma jiġi mitfugħ fil-ġwiebi li hemm taħt il-Pjazza tal-Knisja. Madankollu anke dawn jinħtieġ li jissewwew biex meta jimtlew, ma jmurx fil-

basements tar-residenti u jiġi evitat aktar ilma milli jidħol fid-djar u wkoll fi Triq San Mikiel. In-natura ta' Triq San Mikiel hija dik li hi u anke ftit xita tagħmel effett

16. Rigward il-proġett ta' Miżura 313, il-kunsillieri talbu spjega għal-*lump sums* tal-boq's tal-Perit Bezzina. Hawn Nicholas Briffa staqsa x'inhi ir-raġuni li fit-triq għamilna l-*paving* meta fl-ideja tiegħu ma kienx hemm bżonn, għaliex dan seta ġie bit-tarmac, imbgħad kien deċiż barra mill-Kunsill sa fejn kellha tittawwal il-bankina bil-paving u jitħallew oħrajn barra. Hu qal li dan in-nies qed jarawh li hu ħela ta' materjal għaliex qed jgħaddu it-trakkijiet minn fuqu. Grace Marie Mallia irreferiet għall-kumplament tal-bankina li qed tissuġġerixxi li ssir bil-*paving* 'l isfel mill-*Convenience Shop* fi Triq Sta Katerina. Noel Galea qal illi r-raġuni li anke partijiet mit-triq saret bil-*paving*, hija għaliex dan jgħin lit-traffiku jisslowja. Dwar it-tarmak li jinħtieġ li jingħata f'dan is-sit, Noel Galea kompla jgħid illi din mhux suppost issir mill-KLM għaliex din hija triq arterja u l-proġett ma stajnhiex ninkludu fih *tarmac* minkejja li ħriġna l-flus għall-*basecourse* biex nevitaw ħsarat fil-vetturi li jgħaddu. Hu qal li suppost dan għandu jitlesta sal-ġimgħa d-dieħla. Fakkar ukoll lil dawk preżenti illi dak kollu li sar fil-proġett huwa fil-permess tal-MEPA xi ħaġa li bħala kunsillieri ilu għandna madwar tliet snin għalhekk mhux ġust li qed inqajmu dubji issa meta kien hemm ċans meta kien iż-żmien li jsiru qabel. Nicholas Briffa qal li fuq il-pjanti, sinjali biss kien hemm u ħadd ma qalilna li f'nofs il-*By-Pass* se jsir il-*paving*.

17. Il-KLM iddeċieda li jħallas €250 biex jinxtraw kotba minn għand *Wise Owl* u €250 oħra biex jinxtraw minn fuq il-lista ta' *Midsea Books* skond kif indikat fl-iskema li ħareġ id-dipartiment għall-Gvern Lokali biex ningħataw fondi addizzjonali fi skema li se tagħlaq kmieni is-sena d-dieħla.

18. Il-KLM iddeċieda li jorganizza attivita' kulturali fl-ewwel Ġimgħa ta' Ottubru, 2013 u għaldaqstant japplika għal skema oħra simili bħal dik organizzata fis-snin l-imgħoddija bl-isem "L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien". Din saret għalkemm din il-leġislatura waslet fi tmiema, sabiex leġislatura oħra tapplika għal fondi neċessarji. Dwar kemm se tkun tiswielna din in-nefqa, l-KLM talab lis-SE jipproduċi stimi sostanzjalment aktar qawwija minn dawk mitluba fis-snin l-imgħoddija sabiex ikopru l-ispejjeż dejjem jikbru li qed ikollhom joħorġu mill-vot tal-ospitalita'.

19. Kienet approvata l-Payment Approval Sheet numru 451

20. Is-Sindku irrefera għal e-mail li kien bagħat voluntier illi xtaq jorganizza korsijiet għal persuni illitterati fil-lingwa maltija bħala parti mill-kors tiegħu fl-Isptar il-Qadim. Hu qal illi dan hu kwalifikat u għandu bżonn li jagħmel dawn is-siegħat fostna. Għal dan ma kienx hemm oġġezzjoni kif lanqas ma kien hemm għall-kors li se jkun organizzat fil-pestiċidji minn persuna li għandha l-kwalifiċi tal-MCCAA li wkoll se jsir fl-istess post fil-jiem li ġejjin.

21. Is-Sindku qal li kellmu is-Sur Stivala, tal-*Industrial Projects Services Ltd* dwar ex-skrivana impjegata fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop biex din tiġi tagħmel xogħol fil-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Hawn il-Kunsill xtaq jagħtiha prova għal terminu definit jekk il-proposta tiġi aċċettata, mill-IPSL. Din il-persuna taqa' taħt l-iskema tal-IPSL u għalhekk il-paga tagħha ser toħroġ minn din il-kumpanija stess.

22. Is-Sindku staqsa lil kunsillieri jekk hux be ħsiebhom jattendu għal-laqgħa plenarja organizzata għall-kunsillieri nhar is-Sibt 10 ta' Novembru. Għal din il-laqgħa mill-KLM se jattendu biss hu u Grace Marie Mallia.

23. Grace Marie Mallia qalet illi hemm bżonn illi ssir manutenzjoni u li jinqata' l-ħaxix ħażin fi Triq it-Torri Vinċenti.

24. Paul Spiteri talab li wkoll issir manutenzjoni fi Triq is-Siggiewi propju fejn il-barumbara li magħha hemm in-niċċa ta' San Mikiel.

25. Is-SE kien mitlub sabiex jinforma lill-kumitat tal-Madonna tal-Ġilju, ta' Sta Marija u dak tal-Football Nursery illi l-KLM se jorganizza l-party tal-milied tat-tfal nhar it-22 ta' Diċembru, 2012 fl-iskola primarja tal-Imqabba u awtorizza l-istess spiża tal-caretaker kif awtorizzaha ukoll għal nhar l-24 ta' Novembru.

26. Il-laqgħa ntemmet fl-22:20pm u dik li jmiss se ssir nhar l-20 ta' Novembru, 2012 fis-6:30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*20/ 11/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |